**10 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Donald Micallef

*versus*

Helen Borg pubblika merkantessa

**Att XXX ta' l-1927 – Pubblika Merkantessa – Inkapaċità Legali ta' Mara Miżżewġa – Att XLVI ta' l-1973**

*L-attur aġixxa kontra pubblika merkantessa miżżewġa. L-ewwel Qorti illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu żewġha ma kienx ġie ċċitat.*

*L-interess prinċipali tas-sentenza jikkonsisti fir-riflessjonijiet u eżami storiku ta' l-istitut ta' pubblika merkantessa u l-kapaċità li tali pubblika merkantessa toqgħod f'ġudizzju qabel u wara l-emendi introdotti bl-Att XLVI ta' l-1973.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u bagħtet l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentat fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta li hu biegħ u kkonsenja lill-konvenuta merkanzija *(groceries)* li minnha l-konvenuta

baqagħlha tħallas Lm91.48,2, talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' wieħed u disgħin lira, tmienja u erbgħin ċenteżmu u żewġ millezmi, fuq imsemmija; bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Mejju, 1982 u tal-Mandat ta' Qbid tal-lum kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha eċċepiet:

(1) Illi s-somma msemmija mill-attur fl-att taċ-ċitazzjoni relattiva, m'hix kollha dovuta billi l-attur naqas li jikkonsenja l-prodotti kollha ordnati mill-konvenuta u *di più* l-attur kien iggarantixxa illi xi prodotti oħra, ikkonsenjati lill-konvenuta, kienu jimxu ħafna meta dan ma kienx il-każ u dan barra l-fatt illi fir-rigward ta' l-istess prodotti, l-attur ikkomputa l-prezzijiet, fil-fattura relattiva, erronjament;

(2) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta li biha eċċepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, *in vista* tal-fatt illi r-raġel ta' l-attriċi messu ġie mħarrek, l-istess attriċi għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi *in vista* ta' ftehim *ad hoc* bejn il-kontendenti fis-sens illi l-attur kellu jiddetermina l-pendenzi li kien hemm bejniethom wara li l-attriċi tħallas il-kreditu li l-attur kien qed jgħid li għandu fil-konfront ta' l-attriċi, dik l-Onorabbli Qorti hija kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' l-element tal-kompensazzjoni f'din l-istanza;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-25 ta' Novembru, 1985, li biha laqgħet l-eċċezzjoni hawn taħt imsemmija tal-konvenuta u lliberatha mill-osservanza tal-ġudizzju – bl-ispejjeż kontra l-attur wara li kkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta għandha tiġi mistħarġa fl-ewwel lok. Biha l-konvenuta tidher li qiegħda ssostni l-illeġittimità tagħha li toqgħod fil-kawża bħala konvenuta peress li l-kawża tirritjeni li kellha ssir kontra żewġha. Fid-dikjarazzjoni tagħha sostniet li d-debitu allegat mill-attur kien dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejna u bejn żewġha u skond l-artikolu 1362(1) tal-Kodiċi Ċivili r-raġel għandu jitħarrek dwar l-istess akkwisti;

Illi l-konvenuta ġiet imħarrka "bħala li hi pubblika merkantessa" però mix-xiehda ta' l-attur stess jirriżulta li l-konvenuta kienet sejra tagħlaq il-ħanut tagħha fl-epoka li sar in-negozju in kwistjoni u għalhekk presumibilment il-konvenuta laħqet għalqet il-ħanut tagħha qabel saret il-kawża;

Fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tal-konvenuta tidher fondata. Infatti għalkemm id-disposizzjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (art. 782) li stabbiliet l-inkapaċità tal-mara miżżewġa li toqgħod f'kawża bħala attriċi jew konvenuta mingħajr l-assistenza jew awtorizzazzjoni ta' żewġha ġiet abrogata bl-Att XLVI ta' l-1973 però la d-dejn allegat mill-attur jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konvenuta u żewġha skond l-artikolu 1373 tal-Kodiċi Ċivili, allura a tenur ta' l-art. 1362(1) ta' l-istess Kodiċi l-attur messu ħarrek lir-raġel tal-konvenuta bħala l-leġittimu kontradittur skond il-liġi;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fit-2 ta' Diċembru, 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fit-18 ta' Diċembru, 1985, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija tal-25 ta' Novembru, 1985, billi, prevja r-riġett ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuta ppreżentata fit-13 ta' Jannar, 1986;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Mhux ikkontestat bejn il-kontendenti li l-mertu tal-kawża jikkonsisti fil-ħlas ta' dejn li l-attur appellant jippretendi li hu dovut lilu mill-konvenuta u li hija inkorriet fih meta kienet teżerċita l-kummerċ bil-kunsens ta' żewġha, – dejn dana li huwa nnegat mill-istess konvenuta. L-attur qed isostni li kien għalhekk li hu ħarrek lill-konvenuta bħala pubblika merkantessa billi jirritjeni li bħala tali tista' tiġi mħarrka personalment għad-debitu tal-kummerċ tagħha. Min-naħa tagħha l-konvenuta qiegħda ssostni li l-allegat dejn jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u żewġha u li kwindi kellu jiġi mħarrek l-istess żewġha bħala amministratur ta' l-istess akkwisti. L-ewwel Qorti qablet mas-sottomissjoni tal-konvenuta u lliberatha *ab observantia*. L-attur issa qed jappella mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti;

Il-kwistjoni quddiem il-Qorti hija ta' natura interessantissima u, speċjalment *in vista* ta' l-emendi magħmula fil-liġi bl-Att XLVI ta' l-1973, timmerita studju esegetiku taddiversi disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi;

Ikkunsidrat:

Skond l-artikolu 10 ta' l-Ordinanza XIII ta' l-1857 il-mara li teżerċita l-kummerċ bil-kunsens espress jew taċitu tar-raġel setgħet tobbliga ruħha għall-kummerċ mingħajr l-awtorizzazzjoni tar-raġel u f'dana l-każ tobbliga wkoll ir-raġel in rigward għall-beni komuni. L-Att XXX ta' l-1927 irrepeta din id-disposizzjoni fl-artikolu 14 (in segwitu l-artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Kummerċ – Kap. 17, Ediz. Riv. ta' l-1942); biss skond dana l-artikolu hemm li huwa neċessarju l-kunsens tar-raġel u mhux "kunsens espress jew taċitu" u dan għaliex fl-artikolu ta' qabel hemm illi l-mara miżżewġa tista' teżerċita l-kummerċ bil-kunsens espress jew taċitu tar-raġel (Kollez. Dec. Vol. XXX.III.371, 372). Fl-istess ħin skond l-artikolu 1037 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (in segwitu l-artikolu 1373 tal-Kodiċi Ċivili – Kap. 23, Ediz. Riv. 1942) id-djun li tagħmel il-mara bil-kunsens tar-raġel jew fil-kummerċ illi hija teżerċita, anke bil-kunsens tar-raġel, imorru għak-kariku tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

A bażi ta' l-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi ġie ritenut mill-Qorti tal-Kummerċ (Onor. Imħallef Alfredo Parnis) fil-kawża "*Commerciante* Giorgio Abela *vs* Giovanni e Gaetana conjugi Galea", 31 ta' Jannar, 1910 (Kollez. Dec. Vol. XXI.III.7): "*secondo la legg^, la donna maritata ezercente il commercio col consenso anche presunto del marito, obbliga se stessa ed obbliga eziandio il martio in rispetto ai beni tra loro comuni*" u fil-kawża "Carmelo N. Rutter *vs* Carmela *moglie*

*di* Pio Doublesin *ed altri'',* 26 ta' Ġunju,, 1912 (Kollez. Dec. Vol. XXI.III.123): *''Per legge la donna maritata, ezercente la pubblica mercatura col consenso tacito del marito obbliga se stessa ed obbliga eziandio il marito in riguardo ai beni comuni tra i coniugi, di maniera che il martio non è garante della moglie ma un condebitore fino alla concorrenza ed in riguardo alle sostanze formanti la comunione degli acquisti''.* Hekk ukoll fil-kawża ''Giuseppe Muscat *vs* Corradina Lee *ed'',* 22 ta' Jannar, 1931, Onor. Imħallef Dr. R.F. Ganado (Kollez. Dec. Vol. XXVIII.III.691) l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ osservat li *''risulta che la convenuta esercita il suo negozio pubblicamente e notoriamente, e quindi ai termini dell'articolo 13 Atto XXX del 1927 il consenso del marito di lei è presunto, ed essendovi tale conseno la moglie può senza la sua autorizzazione obbligarsi per cioè che riguarda il suo negozio ed in questo caso obbliga eziandio il marito rispetto ai beni tra loro comuni (aricolo 14 Atto XXX 1927)''.* Hekk ukoll fil-kawża aktar 'il fuq iċċitata (Kollez. Dec. Vol. XXX.III.371, 372) ''Gerolamo Cachia *vs* Ignazio Cilia, ''30 ta' April, 1938, *per* Onor. Imħallef Dr. S. Schembri, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ irriteniet li ''meta l-mara tagħmel debiti in konnessjoni mal-kummerċ tagħha, hija tobbliga ruħha personalment u tobbliga r-raġel tagħha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti; jiġifieri l-beni li jiffurmaw l-akkwisti konjugali huma suġġetti u r-raġel personalment m'huwiex obbligat'', liema sentenza ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju, 1938;

Ikkunsidrat:

Il-posizzjoni legali mela, qabel l-emendi introdotti bl-Att XLVI ta' l-1973, kienet li l-mara li kienet teżerċita l-kummerċ bil-kunsens ta' żewġha kienet tobbliga lilha nnifisha meta tagħmel

debiti in konnessjoni mal-kummerċ tagħha u kienet tobbliga wkoll lil żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti. In kwantu li kienet tobbliga ruħha personalment meta tagħmel debiti in konnessjoni mal-kummerċ tagħha, hija setgħet tiġi mħarrka personalment mingħajr l-assistenza ta' żewġha (art. 782 u 784, Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15, Ediz. Riv. ta' l-1942). In kwantu li kienet tobbliga lil żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kellu jiġi mħarrek l-istess żewġha bħala kap ta' l-istess komunjoni. Fi kliem oħra, id-debitu kkuntrattat minn mara miżżewġa in konnessjoni mal-kummerċ eżerċitat minnha bil-kunsens ta' żewġha seta' jagħti lok għal żewġ azzjonijiet -- waħda kontra tagħha personalment u f'dan setgħet tiġi mħarrka mingħajr l-assistenza ta' żewġha u l-oħra kontra żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Ikkunsidrat:

Bl-Att XLVI ta' l-1973, l-artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 17 Ediz. Riv. ta' l-1942, fuq iċċitat ġie rrevokat u l-artikolu 1373 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23, Ediz. Riv. ta' l-1942, ġie sssostitwit b'ieħor ġdid li wara li jiddisponi fis-subartikolu (1) li kull dejn li jsir mill-mara ma' tul iż-żwieġ dwar l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti jew ta' proprjetà li l-frott tagħha jaqa' fl-akkwisti jew ta' proprjetà li l-frott tagħha jaqa' fl-akkwisti u kull dejn li jsir mill-mara għall-ħtiġijiet tal-familja jew biex tipprovdi manteniment skond il-liġi, ikun dejn tal-komunjoni, tkompli tiddisponi fis-subartikolu (2) li kull dejn li jsir mill-mara fl-eżerċizzju tal-kummerċ ikun ukoll dejn tal-komunjjoni kemm-il darba l-kummerċ ma jitmexxiex minkejja l-opposizzjoni espressa tar-raġel mgħarrfa permezz ta' dikjarazzjoni rreġistrata fil-Qorti tal-Kummerċ u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u f'żewġ ġurnali lokali ta' kuljum;

Wara riflessjoni fit-tul, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-posizzjoni legali, in segwitu għall-imsemmija emendi llum hija din: Il-leġislatur irrevoka għal kollox l-imsemmi artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Ediz. Riv. ta' l-1942 – ġà artikolu 14 ta' l-Att XXX ta' l-1927, li kien jgħid li jekk il-mara miżżewġa teżerċita pubblikament il-kummerċ ta' żewġha, hija tista' mingħajr l-awtorità tiegħu, tobbliga ruħha għal dak li huwa l-kummerċ tagħha; u f'dan il-każ tobbliga wkoll lir-raġel għal dawk li huma l-beni ta' bejniethom. B'dan kollu però dan ma jfissirx li llum il-mara miżżewġa ma tistax tobbliga ruħha personalment għal dak li l-huwa l-kummerċ tagħha. Qabel l-emendi ta' l-1973, stante li l-mara ma setgħetx tobbliga ruħha mingħajr l-awtorità ta' żewġha kien jeħtieġ li jingħad li din l-awtorità ma kinitx meħgieġa għal dak li huwa l-kummerċ tagħha meta hija kienet qiegħda teżerċita l-kummerċ bil-kunsens tiegħu. Bl-emendi introdotti bl-Att XLVI ta' l-1973 u b'mod partikolari bir-revoka ta' l-artikoli 7 sa 13 tal-Kodiċi Ċivili (Ediz. Riv. 1942) li rrendew il-mara miżżewġa *sui juris*, ma kienx jeħtieġ li jingħad li l-mara li teżerċita l-kummerċ bil-kunsens ta' żewġha setgħet, mingħajr l-awtorità tiegħu, tobbliga ruħha għal dak li huwa l-kummerċ tagħha. Dan illum dejjem tista' tagħmlu billi llum ma teżisti l-ebda diżabilità li kienet ikkontemplata fl-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili llum irrevokati, fosthom dik li tobbliga ruħha (art. 9(1) );

L-artikolu 1373 issostitwit bl-emendi ta' l-1973 għall-artikolu 1373 tal-Kodiċi Ċivili lanqas ma qiegħed jintroduċi xejn ġdid għal dak li jirrigwarda djun magħmula mill-mara miżżewġa fil-kummerċ eżerċitat minnha. Qabel l-emendi ta' l-1973 l-artikolu 1373 kien jiddisponi li dawn id-djun jidħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti: l-art. 1373 issostitwit bl-emendi jgħid l-istess ħaġa: – biss iżid eċċezzjoni, – u dana meta r-raġel jopponi ruħu għall-

kummerċ li tagħmel il-mara, liema opposizzjoni – u dana evidentement fl-interess tat-terzi – għandha tirriżulta minn dikjarazzjoni rreġistrata fil-Qorti tal-Kummerċ u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u żewġ ġurnali lokali ta' kuljum;

Il-posizzjoni ġuridika għalhekk fil-fehma tal-Qorti baqgħet l-istess. L-eżerċizzju tal-kummerċ mill-mara miżżewġa jagħti lok għal azzjoni kontra tagħha personalment in kwantu tobbliga ruħha personalment, u jagħti lok ukoll għal azzjoni kontra żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti fin-nuqqas ta' opposizzjoni magħmula minn żewġha kif fuq ingħad;

Issa qabel l-emendi introdotti bl-Att XLVI ta' l-1973 il-mara miżżewġa ma kinitx kapaċi toqgħod f'kawża bħala attriċi jew bħala konvenuta mingħajr l-awtorizzazzjoni jew l-assistenza ta' żewġha (art. 782(b), Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 15 Ediz. Riv. 1942) iżda dan ma kienx jgħodd għall-mara miżżewġa meta tkun fil-kummerċ bil-kunsens tar-raġel, għad li l-kawża ma tkunx fuq affarijiet tal-kummerċ u dana skond l-art. 784(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 15 Ediz. Riv. 1942, liema artikolu 784(b) ġie interpretat minn din il-Qorti fis-sens li jirriferixxi biss għall-azzjonijiet proprji tal-mara jew proprji kontra tagħha, iżda mhux għal dawk proprji ta' żewġha jew tiegħu bħala amministratur ta' l-akkwisti (Ara Mangion *vs* Agius, 1 ta' Ġunju, 1928, Koll. Dec. Vol. XXVII.I.121, 124, u Morana *vs* Souness, 22 ta' April, 1955, Kollez. Dec. Vol. XXXIX.I.160, 165);

Bl-emendi ta' l-1973 l-imsemmija disposizzjonijiet relattivi għall-inkapaċità tal-mara miżżewġa li toqgħod in ġudizzju ġew aboliti u dana appuntu billi b'dawk l-emendi ġiet abolita l-imsemmija inkapaċità tagħha, b'mod speċjali meta ġie rrevokat

l-art. 7 tal-Kodiċi Ċivili (Ediz. Riv. 1942) li kien jiddisponi li "bla ħsara tal-każijiet imsemmijin espressament f'dan il-kodiċi jew f'kull liġi oħra, jew fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15) il-mara ma tistax toqgħod f'kawża mingħajr il-kunsens jew għajnuna ta' żewġha jew fin-nuqqas ta' dawn, mingħajr is-setgħa tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja";

Il-mara miżżewġa għalhekk illum tista' tiġi mħarrka personalment għal dejn li hu allegat li hi kkontrattat in konnessjoni ma' l-eżerċizzju tal-kummerċ da parti tagħha billi hija tkun obbligata personalment għal dak id-dejn jekk jirriżulta li jeżisti u għalhekk fil-każ preżenti l-konvenuta setgħet tiġi mħarrka kif fil-fatt ġiet imħarrka;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad l-eċċezzjoni fuq imsemmija tal-konvenuta appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha, u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.